MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT
GREAT SIEGE ROAD, FLORIANA, MALTA

Onor. Etienne Grech
Chairman tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali
Parlament ta' Malta
Valletta

5 ta' Diċembru 2019

Għaziz Onorevoli Dr Grech,

Skont l-Artikolu 35 (3 u 4) tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492 tal-Liġijiet ta' Malta), is-sottoskritt qiegħed ġentilment jitlob, permezz ta' din l-ittra, l-approvazzjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali rigward it-twaqqif tal-Kunsill għas-Settur tal-Volontarjat magħmul minn dawn il-membri li nħatru kif ġej:

1. Erba' (4) membri li jinħatru mill-Ministru minn fost is-settur tal-volontarjat f'Malta war li jkunu daħlu n-nomini sussegwentement għal sejħa pubblika. Dawn inħatru kif ġej:

   i. membru biex jirrappreżenta lill-fondaturi u lid-donaturi tal-organizzazzjonijiet volontarji:
   Is-Sur Damien Attard – Right 2 Smile.

   ii. membru biex jirrappreżenta lill-membri tal-organizzazzjonijiet volontarji u lill-voluntiera:
   Is-Sa Doris Bingley – Kunsill Nazzjonali tan-Nisa.

   iii. membru biex jirrappreżenta lill-amministraturi tal-organizzazzjonijiet volontarji: Is-Sa Laura Cunningham – Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti Sportivi.

   iv. membru biex jirrappreżenta lill-organizzazzjonijiet barranin u internazzjonali: Is-Sur Edward Gruppetta – Soċjetà tas-Salib l-Aħmar.

2. Sitt (6) membri li huma eletti direttament mill-organizzazzjonijiet volontarji iskritti mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji u li għandhom ikunu rappreżentattivi tal-gruppi settorjali li ġejjin:

   i. membru mis-Settur Soċjali u Umanitarju:
   Is-Sur Robert Farrugia – Missio Malta.

   ii. membru mis-Settur tas-Saħħa u Bżonnijiet Speċjali:
   Is-Sa Gertrude A. Buttigieg – Malta Health Network.

t + 356 2598 2840 e education@gov.mt | www.education.gov.mt

iii. membru mis-Settur tal-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Sport:
Is-Sur Leslie Bonnici – Malta Scout Association.

iv. membru mis-Settur Ambjentali u s-Settur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali:
Is-Sur Felix Farrugia – The Malta Rabbit Club.

v. membru mis-Settur tal-Arti u l-Kultura:
Dr Noel Camilleri – Għaqda Każini tal-Banda.

vi. membru mis-Settur tal-Organizzazzjonijiet Nongovernattivi f'Għawdex:
Is-Sur Saviour Grech – Gozo NGO Association.

Barra minn hekk, ma' din l-ittra qiegħda tiġi wkoll annessa *curriculum vitae* dwar kull membru li ġie magħżul, kif imsemmi hawn qabel, rispettivament.

Tislijiet.

Evarist Bartolo
Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol